**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU ERBAGĦTAX**

**4 ta' LULJU, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**14.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

14.1.1 Fir-rigward ta' punt 13.5.1 kien hemm qbil li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Robert Zahra u lis-Sur Dale Bugeja tal-għajnuna tagħhom fl-artwork tal-istemma tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

14.1.4 Il-minuti tas-seduta numru 13 ġew approvati.

***14.2*** ***Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

14.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li wara l-ittra li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra rċieva mill-Kumitat għat-Titjib tal-Ambjent mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, fir-rigward ta' għotja ta' flus għar-restawr tal-istatwa ta'Santa Marija, x-xogħol inbeda u hu ppjanat li jitlesta fi żmien xahar.

Il-membru tal-Kumitat Joseph Caruana qal li l-pedestal tal-istatwa jinsab fi stat ħażin ħafna u jeħtieġ li r-restawr isir sew.

***14.3 Festa Bubaqra***

14.3.1 Fir-rigward tal-ftehim li ssir festa fil-Misraħ ta’ Santa Marija fis-sajf, il-membru Nettu Bugeja qal li avviċina lil sid il-ħanut tal-misraħ u d-deċiżjoni kienet li ma jistax jagħti l-għajnuna tiegħu fuq il-festa.

Kien hemm qbil li jsir pjanar aħjar ħalli tali festa ssir sena oħra.

***14.4 Skema ta’ Finanzi***

14.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li wara l-ittra li intbagħtet lill-għaqdiet kollha taż-Żurrieq fejn intalbu jipproponu attivita’ kulturali għaż-żona ta’ Bubaqra, kienet is-Soċjeta’ Mużikali Santa Katarina biss li għamlet il-proposta tagħha. Tali proposta hi għal Tieġ Tradizzjonali Malti.

Il-Kumitat Amministrattiv ta’ Bubaqra aċċetta l-proposta u kien hemm qbil li rappreżentanti tas-Soċjeta’ jiġu mistiedna għas-seduta li jmiss.

Kien hemm qbil ukoll li jekk l-iskema ta’ Finanzi għall-attivitajiet kulturali terġa toħroġ għas-sena 2013, il-Kumitat jorganizza attivita’ differenti minn Tieġ Tradizzjonali Malti.

14.4.2 Fir-rigward tal-iskema Finanzjament għall-proġetti, Memo 55/2011, kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tavża lill-Kumitat kemm kien fadal fondi mill-budget tas-sena 2010 u l-kumitat jiddeċiedi jekk jissottomettix il-proġetti taż-żewġ toroq – Triq it-Torri u Triq in-Nigret jew ta’ triq waħda.

***14.5 Leħen Bubaqra***

14.5.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal lill-membri tal-Kumitat biex għal seduta oħra jkollhom ir-writeups lesti sabiex il-fuljett li jmiss jiġi publikat bejn il-festi tar-raħal.

***14.6 Ilmenti u Suġġerimenti***

14.6.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li kellu talba mingħand resident sabiex isiru żewġ parking bays fi Triq Santa Marija bejn il-Misraħ u l-kappella. Kien hemm qbil li x-xogħol jingħata lill-Koptasin meta jiġu jkomplu x-xogħol li kienu qed jagħmlu.

14.6.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li t-tisqija tal-pjanti f'Bubaqra mhux qed issir.

Kien hemm qbil li persuna assenjata mal-Kunsill mill-ETC tibda ssaqqi tali pjanti kull nhar ta' Tnejn.

Kien hemm qbil ukoll li l-membru Joseph D'Amato jġib stima ta' pjanti ġodda mill-ELC u Zammit Nurseries.

14.6.3 Inġibded l-attenzjoni li dawk li kienu qed jagħmlu kontravenzjoni fi Triq San Bastjan, għadhom qed jagħmlu dan għax warden mhux qed jitla'.

Kien hemm qbil li terġa tintbgħat reminder lill-kumpanija tal-wardens fuq dan.

14.6.4 Kien hemm qbil li ssir works order sabiex issir mil-ġdid il-humped roundabout tal-Misraħ Santa Marija u li titnaqqas is-central strip tal-istess Misraħ.

14.6.5 Ġie innutat li l-bins tal-ħmieġ tal-klieb li hemm f'Bubaqra jinsabu kollha mimlija.

14.6.6 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix u valenu tal-ġrieden fi Triq kalanġ Saliba.

14.6.7 Il-membru Annetto Bugeja qal li fi Triq Arċipriet E Mifsud hemm tappiera tad-drenaġġ b'ħofra ħdejha.

14.6.8 Fir-rigward tal- attivita' li s-Soċjeta' Mużikali St Katarina VM ser tagħmel fil-weekend li ġej kien hemm qbil li tinkiteb email fejn jiġu nfurmati biex isir tindif wara li tispiċċa l-attivita' u jekk dan ma jsirx, il-Kumitat Amministrattiv inaddaf hu u jagħti l-kont lill-istess soċjeta'.

14.6.9 Inġibded l-attenzjoni li persuna ħaffret ħofra u poġġiet arblu fit-tarmakk il-ġdid ta' Triq il-Qiegħa u ma' dan l-arblu waħħlet fustun li jibqa' sejjer sar-residenza tal-istess individwu. Kien hemm qbil li jsir rapport l-għassa.

14.6.10 Kien hemm qbil li tinkiteb email lill-Perit Graziella Galea fir-rigward li meta tneħħa l-arblu minn Triq Fortunato Dalli, tħalliet il-ħofra tiegħu fit-tarmakk il-ġdid.

14.6.11 Is-Sur Joseph Caruana qal li kien hemm xi xogħol fi Triq

San Bastjan fejn intrama' crane fuq il-bankina l-ġdida.

14.6.12 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li insab bir fi Triq San Martin waqt li qed isir ix-xogħol mit-TM u skond il-perit Graziella Galea dan il-bir kien żgħir u ma kienx hemm utli li jintuża, għalhekk ġie mirdum.

14.6.13 Is-Sur Joseph Caruana qal li ilu li ordna bankina biex issir u meta kellem lill-Perit ta' Polidano Brothers qallu li l-ewwel ser ilesti x-xogħol ta' tarmakk li qabbdu l-Kunsill Lokali u wara jibda l-bankini.

Kien hemm qbil li l-membru Joseph D'Amato jerġa jitkellem mal-perit u jgħidlu biex jieħu mqar żewġ ħaddiema mit-toroq biex jagħmlu x-xogħol ta' bankini li għandu ordnati l-Kumitat Amministrattiv u l-Kunsill Lokali stess.

Il-membru Joseph D'Amato qal li kull kuntrattur jinsab fl-istess sitwazzjoni minħabba li bħalissa għandhom ħafna xogħol tal-Gvern u mhux qed ilaħħqu max-xogħol tal-Kunsilli/Kumitati.

***14.7 Appuntament għas-seduta li jmiss***

14.7.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tlieta id-9 ta' Awwissu, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

14.7.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-8.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Awwissu, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**